



Brussell, 11 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14442/25

ECOFIN 1408

UEM 512

FIN 1245

ECB

EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mill-Estonja fit-18 ta’ Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fid-29 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2023³
- (2) Fit-2 ta’ Ottubru 2025, l-Estonjagħamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta sabiex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Estonja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Estonja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 41 miżura.

² ST 12532/21, ST 12532/21 ADD 1, ST 12532/21 ADD 1 COR 1 u ST 12532/21 ADD 1 COR 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

³ ST 9367/23 u ST 9367/23 ADD1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

- (4) L-Estonja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba bidla fid-domanda tas-suq. Dan jikkonċerna l-miżura 1.3 (Żvilupp ta' servizzi ta' poloz tal-vjeġġ diġitali), il-miżura 2.7 (Holkien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli) u l-miżura 4.7 (Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (5) L-Estonja spjegat li tliet miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżura 2.6 (Fond Ekoloġiku), il-miżura 4.4 (Spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomija tal-enerġija) u l-miżura 6.6 (Forniment ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li daww il-miżurijigū emendati .. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (6) L-Estonja spjegat li ġew emendati 33 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżura 1.1. (Trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi), il-miżura 1.2. (Żvilupp tal-kostruzzjoni elettronika), il-miżura 1.4. (Riforma tal-ħiliet għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji), il-miżura 1.5. (Appoġġ lill-kompetittività tal-intrapriżi fis-swieq barranin), il-miżura 2.2. (Ħiliet ekoloġiċi għall-appoġġ tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi), il-miżura 2.3. (Programmi ta' żvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi), il-miżura 2.4. (Modernizzazzjoni tal-mudelli tan-negozju fil-kumpaniji tal-manifattura), il-miżura 2.5. (Użu tat-teknoloġiji ekoloġiċi effiċjenti fir-riżorsi), il-miżura 2.8. (appoġġ ta' investiment għas-sigurtà tal-Provvista), il-miżura 3.1. (Ħolqien u żvilupp ta' ċentru ta' eċċellenza għall-governanza tad-data u d-data miftuħa), il-miżura 3.2. (Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u servizzi pubbliċi diġitali proattivi għall-individwi), il-miżura 3.3. (Żvilupp ta' servizzi ta' avvenimenti u gateway diġitali għall-intraprendituri), il-miżura 3.4. (il-Programm #Bürokratt (pjattaforma u ekosistema nazzjonali ta' assistenti virtwali)), il-miżura 3.5. (Rikonfigurazzjoni ta' servizzi diġitali bażiċi u tranżizzjoni sikura għall-infrastruttura tal-cloud), il-miżura 3.6. (Stabbiliment tal-analiżi strateġika tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Estonja), il-miżura 3.7. (Sistema ta' informazzjoni għall-analiżi strateġika f'ħin reali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu), il-miżura 3.8. (Kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna), il-miżura 4.1. (Promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika), il-miżura 4.2. (Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini ta' appartamenti), il-miżura 4.3. (Appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali żgħir), il-miżura 4.5. (Programm għat-tiħiħ tal-grilja tal-elettriku biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għall-adattament għat-tibdil fil-klima (bħall-protezzjoni kontra l-maltempati)),

il-miżura 4.6. (Programm biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija fiż-żoni industrijali), il-miżura 4.8. (Tisħiħ tal-iżvilupp ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta), il-miżura 5.1. (L-użu ta' infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija sikura, ekoloġika, kompetittiva, ibbażata fuq il-ħtiġijiet u sostenibbli), il-miżura 5.2a. (Bastiment tax-xogħol multifunzjonali), il-miżura 5.4. (Kostruzzjoni tal-linja tat-tramm tal-Port Antik ta' Tallinn), il-miżura 5.5. (Investimenti tal-muniċipalitajiet fil-mogħdijiet għar-roti u għall-mixi), il-miżura 6.1. (Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja), il-miżura 6.2.a (Il-kostruzzjoni ta' TERVIKUM), il-miżura 6.8. (Kura tas-saħħa fit-tul), il-miżura 8.1. (Iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli), il-miżura 8.2. (Programm biex jiżdied l-aċċess tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku) u l-miżura 8.3. (Żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' bijogass u bijometan sostenibbli). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (7) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Estonja talbet li tuża r-riżorsi liberati minħabba t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura 2.7. (Holkien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli) biex iżżid miżura ġdida oħra 5.3.b. (Rinnovazzjoni ta' parti mil-linja ferrovjarja minn Rapla għal Lelle) u iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura 5.3.a (Kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda u li tiddaħħal miżura ġdida. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (8) Jenħtieġ li d-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali tiġi emendata biex tqis l-emendi tal-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mil-Estonja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa mill-Estonja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (f), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-kriterju 2.4 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

- (12) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁵. Il-valutazzjoni ssir b’mod sistematiku għal kull riforma u investment modifikati skont l-approċċ f’żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha u għall-miżura l-ġdida, ma hemm l-ebda riskju ta’ ħsara sinifikanti. Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minqusa fit-tfassil ta’ miżura u speċifikati fi stadju importanti jew f’mira ta’ din il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista’ jiġi konkluż li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (13) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal 49 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 78 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F’konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

⁵ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1

- (14) L-RRP emendat ikompli jagħmel enfasi fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi ġodda f'oqsma strateġiċi bħall-enerġija. Ikompli jappoġġa wkoll it-tranżizzjoni tal-kumpaniji mill-enerġija fossili għal sorsi alternattivi tal-enerġija, u jiffoka fuq iż-żieda fis-sehem tal-mobbiltà sostenibbli. Dan jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri tal-2030-2050 u għall-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 billi jespandi t-tul tan-network ferrovjarju tal-Estonja li huwa elettrifikat u jagħmel it-trasport pubbliku f'Tallinn, inkluż trasport pubbliku lejn u mill-ajruport, aktar komprensiv u konvenjenti.
- (15) L-RRP emendat jintroduċi strument finanzjarju għall-miżura 2.6 (Fond Ekoloġiku) flimkien ma' modifika tal-indikaturi rispettivi. Dik il-modifika twassal għat-tnaqqis tal-proporzjon ġenerali ta' fondi li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-miri skont il-miżura 2.7 (Ħolqien ta' opportunitajiet għall-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-idroġenu ekoloġiku bbażati fuq sorsi rinnovabbli) inaqqas ukoll il-kontribut għall-klima. Dan huwa parzjalment ikkumpensat miż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-miżura 5.3.a (Kostruzzjoni tal-vjadotti tal-Ferroviji Baltiċi) u l-introduzzjoni tal-miżura 5.3.b (Rinnovazzjoni ta' sezzjoni ferrovjarja minn Rapla għal Lelle). B'kollox, ir-rekwiżit għall-ittagġjar klimatiku se jiġi żgurat mill-RRP emendat kollu kemm hu u jibqa' fil-biċċa l-kbira ogħla minn 37 %.

Kalkolu tal-kostijiet

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (17) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-kostijiet stmati għall-investimenti riveduti turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli minkejja li l-evidenza turi gradi differenti ta' dettalji u ta' profondità tal-kalkoli. Barra minn hekk, il-bidliet fil-kostijiet stmati għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati u proporzjonali u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn il-kostijiet stmati ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (18) Mill-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema ta' awditjar u ta' kontroll tal-Estonja. Din tinkludi s-sejbiet tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettqa mill-Kummissjoni fl-Estonja.
- (19) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP tal-Estonja hija adegwata b'mod ġenerali.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

(20) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, l-Estonja qieset bħala proġetti prijoritarji dawk il-proġetti li kienu ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-Estonja qieset li l-ebda proġett bħal dan ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat, minħabba li dawn ġeneralment huma fuq skala kbira u jieħdu fit-tul fin-natura tagħhom, għalhekk jirrikjedu perjodu ta' implimentazzjoni li jaqbeż il-perjodu ta' żmien permess taħt l-RRF.

Valutazzjoni pożittiva

(21) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (22) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Estonja huma ta' EUR 953 380 000. Billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Estonja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Estonja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 953 184 800. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Estonja tibqa' l-istess.
- (23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri relatati mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix il-ħtieġa għall-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni u, b'mod partikolari, li jinnotifikaw il-każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Estonja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2
Emendi

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja:

huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul..., ...,

Għall-Kunsill
Il-President
